kienet tgawdi f'għajnejn in-nies kienet meta l-ogħla awtorità ċivili stiednet lill-Akkademja tal-Malti biex tiggedded fl-istrutturi tagħha biex, filwaqt li tibqa' tgawdi l-awtonomija, tilbes is-setgħa governattiva li biha tkun tista' twassal l-ideali tagħha dejjem aħjar u, fejn hemm bżonn bl-id soda msaħħa mis-setgħa tal-liġi, tara li l-jeddijiet ta' l-Ilsien Malti bħala Lsien Nazzjonali jitħarsu dejjem u kullimkien.

Dan, anke jekk b'pass meqjus, l-Akkademja wettqitu. U issa għandna f'idejna Abbozz ta' Liġi u Statut Rivedut li jikklumplimentaw lil xulxin. Fil-fehma tiegħi, dawn għandhom ikunu l-aqwa strumenti biex jiżguraw mhux biss ġejjieni sabiħ għall-Akkademja iżda wkoll snin ta' ħidma fejjieda għat-tħaris u t-tisbiħ ta' l-Ilsien Malti. Għaliex, ngħiduha kif inhi, illum jidher ċar li bil-volontarjat biss, anke jekk dan huwa mill-aktar ħabrieki, ma naslu mkien. Hemm bżonn li l-Akkademja jkollha r-riżorsi, il-faċilitajiet u s-saħħa biex dak li tgħid hi jgħodd f'għajnejn il-pubbliku – ħwejjeġ li l-Gvern biss jista' jagħtihom.

Din kienet u għadha l-ħolma ta' bosta ħassieba fi ħdan l-Akkademja. Fl-imgħoddi, dawk ta' qabilna mexxielhom li, bil-manuvri li kienu jgħoddu għal żmienhom, iġibuha żewġ biex fl-aħħar il-Malti sata' jirbaħ u jieħu postu. Fiż-żminijiet tal-lum il-problemi huma ta' xorta oħra u nkunu tassew ġwejjef jekk dan aħna ma nintebħux bih u nħabirku biex il-qala' tagħna ndawruh skond il-fejn illum qed jonfoħ ir-riħ.

## WERREJ


EDITORJAL 1

ĠORĠ BORG
- *Għar Dalam* 24
- *Poeżija* 24
- *Naf Tifel* 35
- *Imħabba Sewda* 35

RIGU BOVINGTON
- *Manuel Nicholas-Borg: Poeta Malti-Awstraljan* 17

DR. CHARLES BRIFFA
- *Il-Qawwa tal-Malti* 8
- *Insellmu lil Min Ħalliena* 11
- *Mill-Imgħoddi* 22
- *Intervista lil Ġorġ Pisani* 23
- *Kumpliment lil Ilsienna* 25

JOHN BUTTIGIEG
- *Ipokrezija* 37

CHARLES COLEIRO
- *Destin* 21
- *Uċuħ* 21
- *Xewqat* 21

THOMAS FRELLER
- *Il-Malti – Lingua Punica...?* 1

JOE FRIGGIERI
- *Durham 11.5.96* 36

P. SCIBERRAS
- *Wirt Battal* 34
- *database* 36
- *Mid-Djarju tat-Tarzna* 38

VICTOR XUEREB SJ
- *Miju Mekkek ta' l-Iljade* 29




# Il-Malti – *Lingua Punica* jew *Lingua Arabica*?

*Aspetti tad-diskussjoni internazzjonali li kien hemm lejn tmiem is-Seklu Tmintax u l-bidu tas-Seklu Dsatax.*
*(Bidla li seħħet fl-għarfien ta' l-Ilsien Malti)*

(KITBA TA' THOMAS FRELLER)

(MAQLUB GĦALL-MALTI MINN ACHILLE MIZZI)

It-tieni nofs tas-Seklu Tmintax ma kienx biss iż-żmien meta ċerti ċirkoli xjentifiċi u kulturali ta' l-Ewropa bdew jiżviluppaw interess qawwi f'dak kollu li kellu x'jaqsam ma' l-istorja u l-kultura tal-klassiċi Griegi u Rumani. Kien żmien ukoll meta tqanqal interess kbir fil-kultura u l-wirt orjentali u dak Għarbi. Dan l-interess u din il-ġibda kienu min-naħa l-waħda interess estetiku u viżwali kif, per eżempju, jidher min-namra ġdida li kellhom l-Ewropej mal-ħrejjef ta' l-*Elf Lejl u Lejla.* Jidher ukoll minn kemm-il darba naraw modi u lbies orjentali fil-pitturi ta' Antoine Favray u ta' Francesco Guardi. Dan l-interess jidher ukoll minn għadd ta' studji profondi dwar il-lingwistika u l-Istorja Għarbija - studji li ħarġu l-aktar minn universitajiet fi Franza u fil-Ġermanja.

Ftit wara li seħħ dan l-iżvilupp, tqanqal interess kbir fit-tiftix tan-nisel ta' l-Ilsien Malti. Fost il-ġgajta ta' studjużi li stħarrġu dan is-suġġett kien hemm nies ta' isem bħall-orjentalista Franċiż ta' fama Sylvestre de Sacy, il-filologista Friedrich Muenter kif ukoll il-lingwisti Ġermaniżi, Professur Johan Bellermann u Wilhelm Gesenius. Sa mis-Seklu Sittax, f'ħafna nħawi, l-Ilsien Malti kien beda jinteressa lil diversi storjografi, lingwisti u dilettanti oħra. Fl-1588, Hyeronimus Megiser, l-"Ordinarius Historiographicus" tas-Swabja kien ġie Malta u ġabar bosta kliem u frażijiet Maltin. Wara, kien ippublika partijiet minn din il-lista fi ktieb li kien ħareġ fl-1603 u li jġib l-isem ta' "Thesaurus Polyglottus vel. Dictionarium Multilingue" (Frankfurt a.M. 1603) kif ukoll fil-wisq magħruf xogħol tiegħu "Propugnaculum Europae" (Ippubblikat Leipzig fl-1606, fl-1609, imbagħad wara fl-1610, kif ukoll fi Krakovja fl-1611). Fi studji li kitbu Albert Friggieri, William Cowen u Arnold Cassola, dawn ukoll jitkellmu b'aktar dettall dwar din il-lista u dwar il-konnessjoni li dan Megisar kellu ma' Malta. Fl-1663 Sir Philip Skippon żar Malta u huwa wkoll ġabar diversi kliem u frażijiet Maltin. Iżda r-rakkont tal-vjaġġ tiegħu ma ġiex ippublikat qabel l-1732 meta deher fiċ-"Churchill's travels". Madankollu xi sentejn qabel, il-Franċiż Thezan, li kien kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann,